**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 5 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 19B/98**

**Joe Fenech Castaldi**

**Vs**

**Mary Cassar**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti jikri lill-intimata l-fond 24 Blackley Street, Pieta' versu l-kera ta' Lm11 fis-sena jithallas kull sena bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta' Dicembru 1997;

Illi l-intimata tinsab rikoverata fi djar tax-xjuh u b' hekk mhiex qed taghmel uzu mill-fond residenzjali de quo u dan bi ksur tal-kondizzjonijiet lokatizzji;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss ghall-iskop tal-izgumbrament ta' l-intimata'.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi l-intimata ghada qed taghmel uzu mill-fond, ghandha hwejjigha fl-imsemmi fond, u tmur fih regolarment, tiehu hsieb il-fond u izommu fi stat tajjeb. Hi bl-ebda mod ma abbandunat l-imsemmi fond u qieghda fil-fatt taghmel uzu minnhu.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Mejju 1997 li bih gew nominati periti teknici, l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace;

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ra l-verbal tas-26 ta' Gunju 2001;

Ikkunsidra,

1. Dawn il-proceduri twalu billi l-partijiet kienu ser jaslu fi ftehim bejniethom imma sas-26 ta' Gunju 2001 l-ftehim ma intlahaqx. Minn naha intimata ma tressqu l-ebda provi.

2. Mir-relazzjoni tal-periti jirrizulta li l-fond hu "pjanament attrezzat biex fih joqghodu n-nies." (fol 26). Konsiderazzjonijiet ohra tal-periti huma opinjonijiet li jista' jkollhom importanza imma l-Bord irid iqis sewwa l-provi mressqa quddiemu.

3. Quddiem il-Bord xehed biss ir-rikorrent u lill-Bord jirrizultalu li l-intimata qeghda f' dar tax-xjuh u mhux qed taghmel uzu mill-fond mikri lilha bhala dar ta' abitazzjoni. Il-Bord kien jistenna li minn naha intimata jitressqu xi provi. Minflok intilef hafna zmien.

Fic-cirkostanzi l-Bord ma jistax jaghmel haga ohra hlief li tiddikjara l-intimata kissret il-kundizzjonijiet tal-kirja imhabba non-uzo li jekwivali ghall-bdil ta' destinazzjoni u ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga jiehu f' idejh l-fond 24, Blackley Street, Pieta'; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett xhur m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

| | |
|---|---|
| Dep.Reg | Magistrat |